MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 336/2008

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**vs**

**David Buttigieg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' tlett mija u tlieta u tletin euro (€333.01) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skond Client Contract Number 1010279 in rigward ghal servizi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Gunju, 2007 u Ottubru, 2007.

Bl-ispejjez, inkluz ta` l-ittra ufficjali tad-29 ta' Frar, 2008 dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment

ma` dana l-Att, u bl-imghax  sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie pprezentat Kapitolu fis-16 ta' Gunju, 2008 mill-PL Peter Sammut u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas  li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------